# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 7.1

**Kap7: Bil-kuraġġ inħarsu 'l quddiem.**

**Lezzjoni 7.1: Ara titlax!**

**L-għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Jiddiskutu xi tfisser 'sfida' jew 'challenge'.
2. Jifhmu li biex jikbru jridu jiffaċċjaw l-isfidi.
3. Jaqsmu ma' xulxin l-isfidi li jista' jkollhom.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Interactive Whiteboard bil-kelma 'Sfidi/Challenges'
- Karta ta' Taħriġ 7.1



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Uri l-kelmiet 'Sfida / Challenge' fuq l-IWB u ħeġġeġ lill-istudenti jiktbu jew jiddiskutu f'pari x'jifhmu biha.
- Stieden lit-tfal jaqsmu mal-kumplament tal-klassi dak li jkunu ddiskutew.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Spjega: Il-ħajja tagħna hi mimlija sfidi.  Minn mindu aħna nkunu żgħar ħafna sa ma nikbru u nsiru adulti, ser niltaqgħu ma' ħafna sfidi fil-ħajja tagħna.  Hawnhekk nirreferu għal xi sfidi li jkunu diġà semmew it-tfal u anke ngħaddu għal oħrajn li huma importanti u li forsi ma ssemmewx.

2. Spjega: Anke Ġesù, fil-ħajja tiegħu fid-dinja, għadda minn ħafna sfidi. (Eżempju: meta kien fid-deżert jitlob u anke ttantah ix-xitan u riedu jibdel il-ġebel f'ħobż).

3. Spjega li quddiem sfida ma rridux nibżgħu jew naqtgħu qalbna, iżda hemm bżonn li nibqgħu sodi u nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex negħlbuha.

4. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 7.1. Aqra u spjega s-silta mogħtija.

5. Aqsam il-klassi fi gruppi u wara li tispjega Attività 1, ħalli lill-istudenti sabiex jiddiskutu din l-attività.

6. Aqsam mal-bqija tal-klassi dak li jkun sar fil-gruppi.

7. Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi ddiskuti Attività 3 u oħroġ l-importanza li ma nistgħux dejjem nagħmlu dak li nixtiequ.

8. Agħlaq il-lezzjoni billi tistieden lit-tfal jitolbu bit-talba li jkunu kitbu huma stess.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)




1. L-isfidi jgħinuna nikbru.
2. Biex nikber bil-għaqal irrid dejjem nara x'hemm bżonn li nagħmel.
3. Ġesù wkoll kellu l-isfidi tiegħu.
4. Quddiem sfida ma rridux nibżgħu jew naqtgħu qalbna, iżda nibqgħu sodi u nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex negħlbuha.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)



Meta niltaqgħu ma' xi sfida ġdida li tkun qed iddejjaqna, m'għandniex naqtgħu qalbna, iżda nħarsu lejha b'kuraġġ u determinazzjoni għaliex wara ħa nħossuna aħjar li rnexxielna. Nitolbu dejjem 'l Alla jgħinna.

## Nitolbu



Mulej Ġesu' għinna ħalli quddiem sfidi ġodda, qatt ma naqtgħu qalbna u ngħidu ma nistgħux, iżda nifhmu li bil-għajnuna tiegħek, nistgħu naslu.